# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Gimgha 4 ta'Dicembru 2015**

**Mandat Numru : 1504/2015/1JPG**

**L-Avukat Dr. Katleen Mizzi (ID 87971M) u Dr. Victor George Axiak (ID. 472881M) fil-kwalita' taghhom bhala mandatarji tal-assenti James Lindsay Deuchar (bin-numru tal-passaport Ingliz 208805553), residenti 8, Haise Mount, Darton, Barnsley (Renju Unit)**

**Vs**

**Oliver Azzopardi (ID 383667M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' James Lindsay Deuchar tat-23 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari*

1. *Il-fond semi-detached flimkien mal-garage sottopost, mibnija fuq il-plot bin-numru mitejn tnejn u ghoxrin (222) bl-isem ta' "White Pampas", fi Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, konfinanti mix-Xlokk mal-imsemmija triq,*

*mill-Grigal mal-plot bin-numru mitejn tlieta u ghoxrin (223) tal-istess proprjeta u mill-Lbic mal-plot numru mitejn wiehed u ghoxrin (221) tal-istess proprjeta', u*

2. *Il-fond urban bin-numru mija erbgha u sebghin (174), Triq Santu Rokku, Birkikrara,, Iiberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, sovrapost ghal fond urban proprjeta' ta'terzi bin-numru mija tlieta u sebghin (173)*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat."*

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Settembru 2015 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-12 t' Ottubru 2015 fis-13:30pm.

Rat illi l-atti tar-rikors d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti skond il-ligi permezz ta' affissjoni fid-9 ta' Novembru 2015, permezz tal-publikazjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 t'Ottubru 2015 u permezz ta' publikazzjoni f'gazetta lokali tad-9 ta' Novembru 2015;

Rat illi cio` nonostante l-intimat baqa' ma pprezenta ebda risposta;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tressaq dan il-procediment;

Qieset illi dawk ir-ragunijiet kienu konfermati bil-gurament minn Dr. Katleen Mizzi mandatarja tal-assenti James Lindsay Deuchar ;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti biex jaghmel it-talba tieghu mhumiex kontradetti;

Billi jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta; Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni fit-termini mitluba mir-rikorrenti; Tordna lill-intimat sabiex jhallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti qedgha tinnomina lin-Nutar Dr. Louisa Vella Bardon, a spejjez tar-rikorrent, sabiex l-istess Nutar, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni;

**Moghti kameralment illum 4 ta' Dicembru 2015**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**